**Laqgha Numru 08/K6/2008**

**Introduzzjoni**

Minuti tat-Tminn Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2008 li saret nhar l-Erbgha 16 ta' Lulju 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.45 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava li wasal tard, u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet skuzata minhabba li kienet indisposta.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fit-3 ta' Lulju 2008. L-Agenda kienet:

- **01. Approvazzjoni tal-Minuti 06/K6/2008.**
- **02. Punti li johorgu mill-Minuti 06/K6/2008.**
- **03. Approvazzjoni tal-Minuti 07/K6/2008.**
- **04. Punti li johorgu mill-Minuti 07/K6/2008.**
- **05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
- **06. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
- **07. Mistoqsijiet.**
- **08. Korrispondenza.**
- **09. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
- **10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
- **11. Kwotazzjonijiet għal xiri ta' kompjuters.**
- **12. Approvazzjoni tal-kontijiet.**
- **13. Materji Ohra**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 06/K6/2008.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 06/K6/2008 kif ipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 06/K6/2008.

2.01. Peress li ma kinex hemm punti pendenti s-Sindku Joe Zammit ghadda ghall-item li kien imiss.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 07/K6/2008.

3.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 07/K6/2008 kif ipprezentati.

3.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

3.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 07/K6/2008.

4.01. B'riferenza ghall-Minuti 07/K6/2008 item 2.04 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli bhala l-Kunsillier responsabbli mill-isports, kien ippropona li l-Kunsill Lokali Pembroke ghandu jitlob kjarifika mill-Kunsill tal-post imsemmi jekk din l-inizjattiva hijiex gejja minnaha taghhom kif ukoll jekk kull min huwa msemmi f'dan id-dokument huwiex bl-approvazzjoni tal-Kunsill tal-post fejn kien qal ukoll li z-zewg rapprezentanti tal-klabbs rispettivi jigifieri Luxol Sports Club u Pembroke Athleta qablu fuq dan ghax jixtiequ li jkunu qed jiehdu sehem bhala parti minn inizjattiva tal-Kunsill ta' Pembroke, halli imbghad wara jkunu jistghu jizviluppaw kuntatti fuq bazi ta' klabbs, fejn qal ukoll li jkun tajjeb li l-ewwel inizjattiva tkun saret bejn il-Kunsill ta' Pembroke u dak Bulgaru, fejn kien fakkar li r-rapprezentanti tal-klabbs kienu staqsew ukoll jekk l-offerta minnaha Bulgara li jospitaw il-grupp ghadiex tghodd u kull min se jiehu sehem fil-mawra jhallas biss il-biljett ta' l-ajru kif ukoll kien ippropona li l-Kunsill Lokali Pembroke jaghmel il-kuntatti mehtiega kif miftiehem f'din il-laqgha, is-Sindku Joe Zammit qal li dawn il-kuntatti ser isiru fil-jiem li gejja.

4.02. B'riferenza ghall-Minuti 07/K6/2008 item 2.07u ghall-Minuti 05/K6/2008 item 4.01 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ghamel riferenza ghall-Internal Memos ipprezentati fejn qal li fil-jiem li gejja ser jipprezenta rapport tal-Konferenza li attenda ta' l-ECAD fil-jiem li ghaddew kif ukoll fejn kien qal li waqt din il-konferenza rega' tqajjem il-punt li jkun ghaqli li tigi organizzata Konferenza simili bit-titlu European Islands Against Drugs u ghalhekk qal li kien ser jerga' jikteb lill-Onor. Prim Ministru u Ministru ghall-Gvern Lokali Dr. L. Gonzi dwar dan il-punt, kif ukoll fejn kien qal li jkun ghaqli jekk din il-konferenza tigi organizzata s-sena li gejja sabiex tahbat mal-25 sena ta' meta Pembroke sar ufficjalment lokal u kien qal ukoll li kien ser ikellem l-FTZ sabiex jara jekk hemmx xi fondi ta' l-EU ghal dan il-ghan, is-Sindku Joe Zammit qal li l-laqgha ma' l-FTZ ser issir fil-gimghat li gejja.

**46/2568/058/I** 03/06/2008 — Kopja t'ittra li l-Kunsill Lokali San Giljan baghat lill-Onor. Prim Ministru dwar il-konfini bejn iz-zewg lokalitajiet.

4.03. B'riferenza ghall-Minuti 07/K6/2008 item 2.08, ghall-Minuti 05/K6/2008 item 6.35 u ghall-korrispondenza numru **46/2568/08/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera kif ukoll kien ippropona li l-Kunsill jerga' jikteb lill-Onor. Prim Ministru kif ukoll li kopja taghha tintbaghat lir-residenti kollha ta' Pembroke kif ukoll li l-Kunsill jikkunsidra li jaghmel Press Conference fit-triq imsemmija kemm il-darba l-Kunsill jibqa' jigi njorat, is-Sindku Joe Zammit qal li din l-ittra ser tinkiteb fil-jiem li gejja.

4.04. B'riferenza ghall-Minuti 07/K6/2008 item 11.12 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li tinhareg stedina lill-anzjani kollha sabiex jithajru jmorru Roccalumera fi Sqallija fil-mawra li ser issir f'Settembru 2008, li maghhom il-Kunsill ghandu gemellagg fejn kulhadd ser ikun mitlub ihallas l-ispejjez tieghu personalment, is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill ser jivverifika kemm ghandha kmamar il-lukanda u kemm jesaw persuni sabiex wara l-Kunsill jiddeciedi jekk din l-opportunita' tinfetahx ghal kulhadd.

***4.05. Fis-6.10 pm il-Kunsillier Lauro Fava skuza ruhu talli wasal tard.***

4.06. B'riferenza ghall-Minuti 07/K6/2008 item 11.15 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li tinhareg cirkulari lir-residenti biex isir BBQ flimkien bhala parti minn inizjattiva biex tqarreb aktar lir-residenti bhala komunita' fejn kien qal ukoll li naturalment il-prezz ser ikun ragonevoli u jithabbar aktar tard wara li ssir il-laqgha mal-bar manager tal-Luxol Sports Club, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li ghalhekk prova kemm il-darba jikseb kwotazzjoni minghand il-Barman, din qatt ma waslet.

4.07. Il-Kunsillier Joe Brincat qal li hemm kumpanija li tofri servizz ta' outside catering all inclusive li jinkludi wkoll il-provvista ta' mwejjed, siggijiet, ikel u xorb.

4.08. Fid-dawl ta' dan il-Vici Sinkdu Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jorganizza din l-attivita' nhar is-Sibt 9 t'Awissu 2008 mit-8.00 pm il-quddiem fil-Gnien Jum Pembroke. Il-kelliem ippropona li tinhareg cirkulari lir-residenti kollha tal-lokal.

4.09. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

4.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.11. B'riferenza ghall-Minuti 07/K6/2008 item 11.18 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li tinhareg cirkulari lir-residenti ta' diversi zoni madwar Pembroke biex isir BBQ jew lejla maltija flimkien fiz-zona taghhom bhala parti minn inizjattiva biex tqarreb aktar lir-residenti taghna bhala komunita' kif ukoll fl-istess hin tkun qed issir diskussjoni rigward ix-xoghol tal-Kunsill, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li din ghandha tigi rtirata fid-dawl tad-decizjoni li ghadha kemm ittiehdet.

## 05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

5.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 40/2008** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 07/K6/2008 u 08/K6/2008 **(Ara Dokument A); Internal Memo 41/2008** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 07/K6/2008 u 08/K6/2008 **(Ara Dokument B); Internal Memo 42/2008** b'rapport tal-kwotazzjonijiet ghal xiri ta' portable AC **(Ara Dokument C); Internal Memo 43/2008** b'rapport tal-laqghat li saru l-MEPA rigward il-progetti ta' l-MTA **(Ara Dokument D); Internal Memo 44/2008** b'rapport tal-kwotazzjonijiet tal-kompjuters **(Ara Dokument E), Internal Memo 45/2008** b'rapport tal-kwotazzjonijiet ghal xoghol ta' railing tal-hadid **(Ara Dokument F) u Internal Memo 46/2008** b'rapport tal-laqgha li saret ma' Sir Brooke Boothby **(Ara Dokument G)**

## 06. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

6.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien ghadu kmieni wisq sabiex issir evelwazzjoni tax-xoghol li qed isir mill-iskrivana l-gdida Kirsty Rizzo kif

mitlub fil-laqgha precedenti. Il-kelliem qal li bhalissa l-iskrivana tinsab fi stadju li tosserva dak li jaghmel il-Kunsill u tibda taddatta ruhha ghax-xoghol gdid taghha.

6.02. Peress li ma kienx hemm aktar kummenti s-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 07. Mistoqsijiet.

7.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 08. Korrispondenza.

8.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn is-26 ta' Gunju u s-16 ta' Lulju 2008 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/2985/08/I** 26/06/2008 Ittra minghand ir-Traffic Management Unit il-Perit A. Testaferrata de Noto fejn informat lill-Kunsill li ma jsibux oggezzjoni li Triq Medjez issir One Way ghal perjodu ta' prova ta' xahar.

8.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2985/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill li jordna t-tabelli li hemm bzonn.

8.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2986/08/I** 26/06/2008 Ittra minghand il-Foundation for Social Welfare Services fejn baghtu fuljetti nformattivi dwar x'servizzi joffru u nformaw lill-Kunsill li joffru diskussjonijiet minghajr hlas fuq diversi suggetti fosthom prevenzjoni mill-abbuz ta' sustanzi, parenting skills, internet safety, abbuz fuq tfal u fostering.

8.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2986/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3030/08/I** 30/06/2008 Fattura minghand l-iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo ghall-hlas ta' transport għall-attivitajiet li saru ghall-istudenti li jammontaw ghal €88.51.

8.06. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3030/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li minhabba li dawn iz-zjarat kienu zjarat kulturali u edukattivi ghat-tfal taghna jithallsu mill-Kunsill kif diga approvat fil-laqghat precedenti.

8.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3036/08/I** 30/06/2008 Ittra minghand id-Direttorat ghall-Bini u Tiswija ta' Djar fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill dwar landscaping madwar St. Andrew's House nforma l-Kunsill li d-Direttorat m'ghandux il-fondi biex jaghmel tajjeb ghal dan il-progett u aktarx mhux se jkollu qabel is-sena 2012.

8.09. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3036/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jinforma b'dan lir-residenti koncernati.

8.10. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3039/08/I** 30/06/2008 — Ittra minghand OASI Foundation fejn talbu jekk il-Kunsill jistax jaghti sponsorship ghall-attivita' li ser jorganizzaw bl-isem 'The Youth of the Year 2008'.

8.12. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3039/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghti donazzjoni ta' €50.00.

8.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3040/08/I** 30/06/2008 — Ittra minghand l-Eden Foundation fejn informaw lill-Kunsill li ser jorganizzaw l-Eden Fest nhar it-28 ta' Settembru 2008 u talbu l-Kunsill jiddedika xi hin jirrispondi it-telefonati u jaghti donazzjoni.

8.15. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3040/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3045/08/I** 30/06/2008 **46/3101/08/I** 02/07/2007 — E-mail minghand is-Sur David Saliba u Nadia Saliba li joqghodu 5, Triq il-Kurunell Cocks rigward il-problema ta' l-ilma qieghed fi Triq il-Kurunell Cocks precizament quddiem il-bieb tad-dar taghhom.

8.16. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3045/08/I u 46/3101/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jibghat ittra lir-residenti li l-Kunsill ser jitlob lis-Sanita sabiex taghmel spezzjoni tal-btiehi biex jigi assigurat li ma hemmx ksur tar-regoli sanitarji.

8.17. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3055/08/I** 30/06/2008 — E-mail minghand l-Iklin Scout Group fejn informaw lill-Kunsill li l-waqfa f'Pembroke kellhom bzonn ibidluhom u l-garnet li ser issir huma il-11 u 12 ta' Lulju 2008.

8.19. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3055/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3072/08/I** 30/06/2008 — E-mail minghand il-BOV Branch Manager is-Sur Manuel Dalli fejn irringrazzja l-Kunsill ta' l-invit li baghtna ghal Jum Pembroke u nforma l-Kunsill li ma jistax jattendi u bhala bank jixtiequ jaghu donazzjoni ta' kotba ghall-librerija tal-Kunsill li jammontaw ghal €250.

8.20. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-BOV kienu nfurmaw lill-Kunsill, li l-kotba ghandhom jinxtraw mill-Kunsill u wara jinghata l-isponsor finanzjarju mill-Bank waqt li ssir il-prezentazzjoni ufficjali.

8.21. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3702/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jixtri dawn il-kotba minghand BDL bhala rikonoxximent ghad-donazzjoni ta' kotba li kienu taw lill-Kunsill meta nfethet il-librerija pubblika.

8.22. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3073/08/I** 30/06/2008 — E-mail minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fejn baghtu kwestjonarju li rcievew minghand is-Sinjura Anna Saliba rigward 'Living to work or Working to Live' li jrid jimtela minn nisa.

8.24. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3073/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera specjalment ghall-Kunsillier Evelyn Vella Brincat.

**46/3076/08/I** 30/06/2008 Kwotazzjoni minghand is-Sur Anthony Portelli ghal video filming ghal Jum Pembroke ghall-prezz ta' €140 inkluz il-VAT.

8.25. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3076/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem fakkar li din il-kwotazzjoni kienet diga giet accettata mill-membri tal-Kunsill.

**46/3081/08/I** 02/07/2008 Ittra minghand Luxol Sports Club fejn informaw lill-Kunsill li bejn it-22 u 26 t'Awissu gewwa Luxol Stadium ser jorganizzaw l-Under 19 International Football Tournament u qed jitolbu jekk il-Kunsill hux lest li jippartecipa f'dan it-tournament billi jkun wiehed mill-isponsor ta' parti ta' dan it-Tournament bhala l-Lokal li fih se jsir dan it-tournament.

8.26. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3081/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

8.27. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli li huwa responsabbli mill-isports u zghazagh qal li jhoss li din hija attivita' sportiva f'livell internazzjonali u li taghti isem lill-Kunsill u lill-Pembroke u ghalhekk ippropona vot ta' €1,000 ghas-sehem tal-Kunsill f'kull pubblicita' jew xiri ta' materjal organizzattiv inkluz trofejs ghal dan it-tournament. Il-kelliem qal li dawn il-flus jistghu jittiehdu mill-kuntribuzzjonijiet li tidhol mill-attivita' tal-NNG ghall-kuncert ta' Duran Duran jew mill-flus li skond is-Sindku dahlu mill-LES.

8.28. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li din l-attivita' ser isservi ta' marketing ghall-Kunsill.

8.29. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li huwa kien qed jivvota favur b'kundizzjoni li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ma jsib ebda oggezzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.30. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ma kienx jaf jekk vot jistax jittiehed kundizzjonalment minhabba l-fatt li jista' jaghti l-kaz li dan jista' jfisser li kull decizjoni tal-Kunsill qatt ma tkun konklussiva.

8.31. Fid-dawl ta' dan il-Kunsillier Lauro Fava talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex tingieb kjarifika minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar dan.

**46/3091/08/I** 02/07/2008 E-mail minghand NNG Promotions Ltd. fejn b'riferenza ghall-kuncert mill-grupp Duran Duran nhar is-Sibt 26 ta' Lulju 2008 informaw lill-Kunsill li huma lesti li joffru kontribuzzjoni ta' €3,500 fi flus u kontribuzzjoni ta' €1,200 f'biljetti ghad-dhul tal-kuncert kif sar is-sena l-ohra.

8.32. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3091/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta din il-proposta.

8.33. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.34. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.35. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-biljetti li ser jingiebu ser ikunu ghandu u ser ikun huwa li jqassamhom l-ewwel lir-residenti koncernati ta' Blokk 6, 7 u 8 li ser ibghatu mill-inkonvenjent u wara jekk jibqa' lill-Kunsilliera tal-Kunsill. Il-kelliem qal li

din is-sena l-Kunsill gie provdut b'anqas biljetti minhabba li d-domanda ghall-kuncert tidher li ser tkun anqas mis-snin li ghaddew.

**46/3136/08/I** 08/07/2008 Proposta minghand il-kumpanija Information Technology Services Ltd. Ghall-Support Service Agreement ghall-prezz ta' € 150 fis-sena eskluz il-Vat.

8.36. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3136/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta din it-talba.

8.37. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.38. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3137/08/I** 08/07/2008 Ittra minghand l-iskola Sir Adrian Dingli fejn baghtu agreement li jrid jigi ffirmat bejn il-Kunsill ta' l-Iskola u l-Kunsill Lokali Pembroke ghall-uzu mill-facilitajiet ta' l-iskola ta' Athletics imwaqfa mill-Kunsill, ghall 7 euros kull siegha u 7.43 euros kull siegha ghas-servizz ta caretaker jigifieri 14.43 euros kull siegha.

8.39. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3137/08/I** Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li fil-laqgha mal-Head Coach tas-sezzjoni ta' l-atletika kien gie nfurmat li hemm bzonn ta' siegha u nofs fil-gimgha sa nofs jew l-aktar l-ahhar t'Ottubru sakemm jippermetti d-dawl tax-xemx, sabiex ikun jista' isir it-tahrig mehtieg. Ghal dan il-ghan ippropona vot ta' € 325 ghal din l-inizjattiva ghal dawn il-hmistax il-gimgha.

8.40. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.41. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3139/08/I** 08/07/2008 Ittra minghand is-Sur Anthony Grima fejn informa l-Kunsill li fi Triq il-Mediterran ezattament quddiem plot 470 hemm sigra mejta tal-palm u qed jitlob sabiex il-Kunsill japprova x-xiri ta' sigra gdida u bhala mod volontarju huwa lest li jmur jixtri s-sigra minghand Piscopo Gardens ihawwilha fuq il-post u jibqa' jiehu hsiebha sakemm tiehu r-ruh.

8.42. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3139/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta li din l-offerta tigi accettata.

8.43. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.44. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3147/08/I** 08/07/2008 Menu minghand Shangri-La Asian Buffet Banquet li jinsabu gewwa Bugibba.

8.45. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3147/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona l'issir attivita' ghall-anzjani u l-hbieb taghhom billi tkun organizzata ikla f'dan il-post u kull persuna thallas taghha nhar il-Gimgha 12 ta' Settembru 2008 fit-8.00 pm bil-prezz ikun ta' € 17.00 ghall-kbar u € 9.00 ghat-tfal.

8.46. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.47. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3155/08/I** 08/07/2008 Ittra minghand l-OPAL fejn b'riferenza ghat-tender 01/2007 ta' play equipment informa l-Kunsill li l-prezzijiet indikati huma validi sa l-ahhar tas-sena u rigward il-proposta tieghu ta' Adventure Park ikkonferma li l-pjanti, disinn u suggerimenti ta' kif dan il-progett jista' jsir ikunu fformulati

mill-Kumpanija Wicksteed bla hlas izda l-Kunsill ikun irid ihallas ta' l-apparat ordnat.

8.48. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3155/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-kumpanija OPAL tkun fornuta bil-pjanti necessarji halli wara li jsir dak spjegat f'din l-ittra mill-Kumpanija issir kampanja ghal sapport finanzjarju ghal dan il-progett mal-banek ewlenin kif ukoll m'organizzazzjonijiet ohra finanzjarji. Il-kelliem qal li rigward din l-inizjattiva kien diga tkellem mal-Bank Manager ta' BOV, HSBC u Lombard u ma' Diretturi minn SAS Radisson Bay Point u l-grupp Corinthia Hotels fejn dawn kollha wrew ottimizmu ghall-inizjattiva simili.

8.49. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.50. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.51. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li minn informazzjoni li ghandu jirrizulta li l-kumpanija ghandha bzonn survey dettaljat u ghalhekk xtaq ikun jaf min ser jaghmel dan is-survey.

8.52. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li ghandu jitqabbad il-Perit tal-Kunsill sabiex jaghmel dan.

8.53. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.54. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3160/08/I** 08/07/2008 — Memo 14/2008 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar hrug ta' permessi minn Kunsilli Lokali.

8.55. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3160/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li kopja ta' dawn ir-regoli tinstab fil-kamra tal-Kunsilliera.

8.56. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li minn din il-Memo johrog li l-Kunsill ma jistax jibqa' jaghmel kundizzjonijiet fuq kumpaniji li jaghmlu talbiet sabiex juzaw l-Ex Parade Ground fejn jintalbu ufficjalment sabiex jaghmlu kontribuzzjoni finanzjarja ghal gid tal-lokal.

**46/3184/08/I** 08/07/2008 — E-mail minghand is-Sur Anthony Grima fejn baghat kopja ta' l-artiklu li kien fid-Di-ve.com fejn il-Kunsill Lokali San Giljan ser johrog By Law dwar xorb alkoholiku fit-toroq u qed jissugerixxi li l-Kunsill ta' Pemboke u ta' Swieqi jaghmlu xi haga simili biex jigi irregolat ix-xorb mit-toroq tal-lokal.

8.57. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3184/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jitlob lill-Kunsill Lokali San Giljan sabiex jekk huwa possibbli jibghat kopja tal-bye law li qed issir riferenza ghaliha.

8.58. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.59. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.60. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li din diga giet provduta u tinsab mal-Korrispondenza.

**46/3189/08/I** 08/07/2008 — E-mail minghand il-Malta Gay Rights Movement fejn talbu lill-Kunsill li jixtiequ japplikaw biex jircievu xi fondi minghand il-Kunsill.

8.61. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3189/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li jekk din l-ghaqda tinstab taht it-tmien skeda jinghata donazzjoni ta' €50**.**

8.62. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Malta Gay Rights Movement m'humiex fi Skeda 8.

**46/3211/08/I** 09/07/2008 E-mail minghand is-Sur Jerry Azzopardi fejn baghat l-e-mail address tal-penfriend tieghu li joqghod f'Wales li hija propjetarja ta' Caravan Site.

8.63. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3211/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill permezz tas-Segretarju Ezekuttiv ghandu jara li tintalab aktar informazzjoni rigward din il-materja specjalment il-prezzijiet u kull informazzjoni ohra li tista' tigi provduta.

8.64. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.65. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3219/08/I** 09/07/2008 Invoice ta' €63.60 minghand il-Pembroke Athleta Sports Club Athletic Section ghall-goodie bags li nxtraw ghall-fun run li saret nhar il-Hadd 6 ta' Lulju 2008 fl-okkazjoni ta' Jum Pembroke.

8.66. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3219/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta din it-talba u fl-istess hin il-Kunsill jirringrazzja lis-sezzjoni talli hadet hsieb l-organizzazzjoni ta' din il-girja.

8.67. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.68. Il-mozzjoni ghaddiet ghal vot fejn wara li s-Sindku Joe Zammit stenna ghal xi hin lill-Kunsillier Lauro Fava jaghti l-vot tieghu qal li ma jistax ikun li Kunsillier jibqa' ghal hin twil jirrifletti.

8.69. Is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Lauro Fava ghaddew kummenti lil xulxin fejn il-Kunsillier Lauro Fava talab li jinghata hin sabiex jirrifletti fuq il-materja filwaqt li s-Sindku Joe Zammit beda joggezzjona ghal dan id-dewmien zejjed fejn anke nsista li titkompla l-laqgha minghajr ma jkun hemm konkluzjoni ghall-vot.

8.70. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lis-Sindku Joe Zammit li l-vot kien diga beda jittiehed u ma setax jieqaf b'nofs decizjoni.

8.71. Wara diskussjoni li saret il-Kunsill approva l-mozzjoni unanimament.

**46/3220/08/I** 09/07/2008 Ittra minghand il-Pembroke Athleta Sports Club Athletic Section fejn talbu l-ghajnuna finanzjarja tal-Kunsill biex jinxtara l-apparat ta' Timing System ghall-prezz ta' €1,031.90.

8.72. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3220/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jinforma lil din is-sezzjoni li l-Kunsill mhux f'pozizzjoni li jiffinanzja din it-talba.

8.73. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.74. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.75. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li ghalkemm huwa kien qabel mal-mozzjoni ma jistax jifhem minhabba li dan l-apparat ser jintuza mill-iskola ta' l-Atletika tal-Kunsill. Il-kelliem qal li kull sena l-Kunsill jaghti numru t'affarijiet sabiex jintuzaw minn din l-iskola u ma jistax jifhem ghala din it-talba ma gietx accettata.

**46/3222/08/I** 09/07/2008 Talba sabiex jigu ordnati mementos ghall-iskola Primarja Siggiewi u Skola Primarja Qormi ghall-partecipazzjoni taghhom f'Jum Pembroke.

8.76. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3222/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jaccetta din it-talba kif ukoll li dawk kollha li hadu sehem f'din l-attivita' ghandhom jinghataw tifkira.

8.77. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.78. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3227/08/I** 11/07/2008 Ittra mill-Bord tal-Petizzjonjiet fejn qed jirrakomandaw li fejn l-iskola STC isir post ta' parkegg sabiex ikunu jistghu ihottu l-merkanzija.

8.79. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3227/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jikteb lill-STC sabiex il-kantin ta' l-iskola ghandu jitlob il-permess necessarju ta' l-Awtoritajiet koncernati sabiex ikollu access minnaha ta' wara u dan minhabba l-fatt li l-Kunsill ma jistax jaccetta li jkun hemm loading bay minn quddiem minhabba li Triq Alamein hija kollha Towing apparti l-fatt li hemm hafna skejjel fil-madwar u jekk ikun hemm xi vettura wieqfa din ser tostakola t-traffiku. Il-Kunsill ghandu jitlob ukoll lill-STC jekk il-kantin ghandux permess jopera bhala bar jew take away ghall-pubbliku. Il-kelliem ippropona wkoll li kopja ta' dawn l-ittri ghandhom jintbaghtu lill-Bord tal-Petizzjonijiet.

8.80. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.81. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3233/08/I** 11/07/2008 Komunikat minghand l-AKL b'numru ta' dokumenti dwar ir-riforma ta' l-iskart.

8.82. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3233/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem irringrazzja lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg li kien pront kiteb lill-AKL li Pembroke ma jidher imkien ghalkemm jista' jaghti l-kaz li Pembroke jirreferi ghal St. Andrews.

8.83. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill m'ghandux jiffirma dan il-kuntratt kif propost qabel ma jkunx hemm indikazzjoni tar-rati ghall-Pembroke minhabba li ma jkunx jista' jinhadem il-process.

8.84. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.85. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3237/08/I** 11/07/2008 **46/3252/08/I** 11/07/2008 E-mail minghand l-ASKLM fejn qed iheggu l-Kunsill Lokali jibghatu lis-Segretarju Ezekutiv ghall-Kungress tal-UDITE li ser issir f'Cardiff bejn l-4 u l-5 ta' Settembru 2008 fejn bhala incentiv l-ASKLM qed toffri sussidju ta' €125 lil kull Kunsill.

8.86. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2701/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jaghti aktar informazzjoni rigward din it-talba.

8.87. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li d-dettalji li hemm bhalissa jinsabu fil-korrispondenza.

8.88. Saret diskussjoni fejn irrizulta li l-ispiza hija wahda konsiderevoli u ghalhekk kien hemm qbil li l-Kunsill ma jkunx rapprezentat.

**46/3244/08/I** Ittra minghand Hotel La Piramide fejn infurmaw lill-Kunsill li l-prezzijiet li

11/07/2008 qed joffru huma, huma baxxi bizzejjed u ghalhekk it-talba tal-Kunsill ma gietx milqugha.

8.89. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3244/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3246/08/I** 11/07/2008 **46/3273/08/I** 11/07/2008 E-mail minghand il-Ministeru ghall-Infastruttura, Trasport u Komunikazzjoni fejn talbu lill-Kunsill jimla l-applikazzjoni sa nhar il-31 ta' Lulju 2008 jekk il-Kunsill huwa nteressat li jkollu fi hdanu Community Technology Learning Centre (CTLCs).

8.90. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3246/08/I u 46/3273/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japplika ghal dan is-servizz; u jindika il-binja ta' l-iskola primarja ta' bhalissa li fuqha l-Kunsill talab devuluzzjoni u prepara dokument taht inizjattiva PPP. Il-kelliem qal li fl-istess waqt, issa li l-Kunsill jaf min huwa l-kelliem ta' l-Oppozzizzjoni fl-edukazzjoni, ghandha ssir laqgha kemm mal-Ministru l-Onor. Dolores Cristina kif ukoll ma' l-Onor. Evarist Bartolo biex il-Kunsill jipprezentalhom dan il-progett. Il-kelliem ippropona wkoll l'issir laqgha pubblika biex ir-residenti ta' Pembroke jaghtu wkoll suggerimenti fuq id-dokument tal-Kunsill halli wara jkun prezentat lis-Sinjuri Onorevoli Membri msemmija.

8.91. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.92. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3262/08/I** 11/07/2008 Ittra minghand il-MEPA fejn talbu biex kull Kunsill jinnomina pesuna bhala rapprezentant tieghu biex japplika ghas-servizz maghruf bhala e-apps.

8.93. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3262/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jinnomina lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

8.94. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.95. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3271/08/I** 11/07/2008 E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-izvilupp ta' Sit ta' Triq Cassino talbu lill-Kunsill jibghat siteplan 1:2500 fejn fuqha nimmarkaw bl-ahmar is-sit inkwistjoni.

8.96. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3271/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3272/08/I** 11/07/2008 E-mail minghand il-Mediterranean Insurance Brokers fejn talbu konferma dwar l-ittra li baghat il-Kunsill fuq assikurazzjoni tal-kompjuters minhabba l-korsijiet tal-kompjuter li qed isiru fil-Kunsill.

8.97. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3272/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta din it-talba.

8.98. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.99. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.100. Is-Sindku Joe Zammit talab li l-laqgha tkun sospiza sabiex il-Kunsill ikun jista' jiltaqa' mas-sur Robert Balani ta' Melita FC.

8.101. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.102. Il-Kunsill qabel unanimament.

***8.103. Il-laqgha giet sospiza fis-7.30 pm.***

*8.104. Il-laqgha tkompliet fis-7.45 pm.*

## 09. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li waqt il-laqgha tal-Kumitat Kongunt ta' l-LES kien maqbul li Lm1,000 li l-Kunsilli kienu ddepozitaw fl-1999 meta gie ffurmat il-Kumitat Kongunt ghandha tintradd lura lil kull Kunsill membru. Ghal dan il-ghan il-Kelliem ippropona li din is-somma ghandha tmur ukoll mal-kontribuzzjoni li l-Kunsill ircieva minghand NNG Promotion vis-à-vis il-kuncert ta' Duran Duran sabiex jintuzaw ghal attivitajiet sportivi, edukattivi u ghall-gemellaggi.

9.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

10.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li bhalissa ghaddej il-kors tal-kompjuter. Il-kelliem informa lill-Kunsill li bhala parti mill-attivitajiet taht il-gemellagg ma' Roccalumera fi Sqallija ser jintbghat il-team ta' l-iskola sports tal-Kunsill tal-football flimkien mat-tfal ta' Pembroke li spiccaw is-sitt sena u ghalhekk ippropona li l-Kunsill jisponsorja biss il-logging B/B kemm tat-tfal tal-year 6 kif ukoll taz-zghazagh (20) li jiffurmaw it-team ta' l-iskola sports tal-Kunsill. Il-kelliem qal li kull persuna ohra li trid takkumpanja lill-grupp trid thallas kollox taghha. Il-kelliem qal li fiz-zjara preparatorja li saret flimkien mal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fil-gimghat li ghaddew, il-Kunsill ta' Roccalumera qalu li kienu ser jiehdu hsieb it-trasport minn u lejn Catania kif ukoll ghal waqt zjarar ohra fl-irhula tal-madwar. Il-kelliem talab sabiex il-Kunsill jinforma lill-Kunsill ta' Roccalumera b'dan.

10.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Kwotazzjonijiet ghal xiri ta' kompjuters.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-laqgha tigi sospiza sabiex ikun jista' jiltaqa' l-Bord ta' l-Ghazla sabiex jiddiskuti il-kwotazzjonijiet ghall-provvista ta' zewg kompjuters, ix-xiri ta' portable AC u l-provvista, manifattura u twahhil ta' railing tal-hadid.

11.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

**11.04. Il-laqgha giet sospiza fil-7.50 pm.**

**11.05. Il-laqgha tkompliet fit-8.00 pm.**

11.06. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li zewg kompjuters jinxtraw minghad Sirap ghall-prezz ta' € 1,598.00, li l-portable AC jinxtara minghand Cassar Airconditioning Systems Ltd. ghall-prezz ta' € 408.00 u li r-railing tal-hadid jinxtara minghand Amabile Galea & Sons. Ltd. ghall-prezz ta' € 12,485.00. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jaccetta r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord fid-dawl li dawn ghandhom l-ahjar offerti.

11.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.09. Is-Segretraju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li rigward ix-xoghol ta' railing fi Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta, jekk dan jigi ordnat, il-fondi disponibbli mill-MEPA mill-UIF (€28,301.88) mhux ser ikunu bizzejjed sabiex ikopru x-xoghol kollu li kien gie miftiehem ma' l-istess MEPA inkluz ir-railing ukoll fost affarijiet ohra.

11.10. Is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jinforma lill-MEPA li x-xoghol ser isir f'diversi stadji minhabba li l-fondi addizjonali ser jinhargu mill-allokazzjoni tal-Kunsill. Il-kelliem qal li l-htiega ta' railing kienet wahda mill-klawsoli mitluba mill-kumpanija ta' l-assikurazzjoni minhabba safety tal-post.

## 12. Approvazzjoni tal-kontijiet.

12.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara Dokument H. I u J)**

12.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha ghajr ta' TCTC kif diskuss fil-laqghat precedenti.

12.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.04. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava vvota favur u astjena biss ghall-kontijiet ta' Shawn Farrugia, Anthony Mifsud u ghal dak ta' Pembroke Athleta Sezzjoni Atletika vis-à-vis l-iskola atletika tal-Kunsill.

12.05. Il-kontijiet gew approvati kollha.

## 13. Materji ohra.

13.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li Dun Rene' Vella kien talab il-permess lill-Kunsill biex bejn l-14 ta' Lulju u 18 ta' Lulju 2008 jaghmel uzu mill-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta li jinsab fi Triq Camillo Sciberras fejn ser isir talb minn ghaqda ta' katekisti. Il-kelliem qal li kien hemm qbil mill-Kunsilliera minn qabel din il-laqgha biex jinghata dan il-permess.

13.02. B'riferenza ghall-formazzjoni t'Ghaqda Anzjani Pembroke, is-Sindku Joe Zammit ipproponi biex issir laqgha ghall-anzjani biex kif xtaqu, titwaqqaf il-Pembroke Senior Citizens Association fi hdan il-Kunsill Lokali.

13.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.05. Is-Sindku Joe Zammit qal li hemm bzonn li jsir zbir tal-palm specjalment fi Triq il-Mediterran.

13.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li dan ser isir fil-jiem li gejja fejn il-Kunsill ghandu jhallas ghall-ispejjez ta' kiri ta' high up kif stipulat.

13.07. Is-Sindku Joe Zammit qal li kellu komunikat ma' l-NNG Promotions dwar il-possibilita' li l-membri tal-grupp muzikali Duran Duran jaghmlu zjara lil tfajla b'dizabilita' maggura li tinstab l-isptar biex izuruwha fl-isptar membri tal-grupp. Il-kelliem qal li r-risposta minghand NNG Promotions kienet fin-negattiv.

13.08. Is-Sindku Joe Zammit qal li sal-laqgha li jmiss kull Kunsillier ghandu jressaq il-proposti tieghu ghall-kuntratti kollha li ser jinhargu mill-Kunsill. **( Ara Dokument K)**

***13.09. Fit-8.25 pm is-Sindku Joe Zammit talba li jkun skuzat u halla laqgha.***

13.10. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kompla jippresiedi l-laqgha.

13.11. Il-Kunsillier Lauro Fava talba li jsir komunika ma' TCTC sabiex jekk jista' jkun jinbeda l-kors ta' l-ECDL fil-lokal.

13.12. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien hemm numru ta' residenti li kienu wrew ix-xewqa li jaghmlu dan il-kors. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-pass li kien imiss huwa li tinstab data sabiex issir laqgha ghal dawk interessati sabiex jinghataw id-dettalji kollha u eventwalment ikun jista' jinbeda l-kors.

13.13. Il-Kunsillier Joe Brincat talba sabiex jinzabru l-hafna sigar li hawn fil-lokal li qed jostakolaw il-bankina fosthom dawk ta' Triq Normandy u Triq Suffolk. Il-kelliem qal li hemm xi sigar ohra fi Triq Camillo Sciberras.

13.14. Il-laqgha ntemmet fit-8.40pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 30 ta' Lulju 2008 fil-5.45 pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |

**Laqgha Numru 08/K6/2008**

**Introduzzjoni**

Minuti tat-Tminn Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2008 li saret nhar l-Erbgha 16 ta' Lulju 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.45 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava li wasal tard, u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet skuzata minhabba li kienet indisposta.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fit-3 ta' Lulju 2008. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 06/K6/2008.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 06/K6/2008.**

**03. Approvazzjoni tal-Minuti 07/K6/2008.**

**04. Punti li johorgu mill-Minuti 07/K6/2008.**

**05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**06. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**07. Mistoqsijiet.**

**08. Korrispondenza.**

**09. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**11. Kwotazzjonijiet għal xiri ta' kompjuters.**

**12. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**13. Materji Ohra**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 06/K6/2008.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 06/K6/2008 kif ipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 06/K6/2008.

2.01. Peress li ma kinex hemm punti pendenti s-Sindku Joe Zammit ghadda ghall-item li kien imiss.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 07/K6/2008.

3.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 07/K6/2008 kif ipprezentati.

3.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

3.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 07/K6/2008.

4.01. B'riferenza ghall-Minuti 07/K6/2008 item 2.04 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli bhala l-Kunsillier responsabbli mill-isports, kien ippropona li l-Kunsill Lokali Pembroke ghandu jitlob kjarifika mill-Kunsill tal-post imsemmi jekk din l-inizjattiva hijiex gejja minnaha taghhom kif ukoll jekk kull min huwa msemmi f'dan id-dokument huwiex bl-approvazzjoni tal-Kunsill tal-post fejn kien qal ukoll li z-zewg rapprezentanti tal-klabbs rispettivi jigifieri Luxol Sports Club u Pembroke Athleta qablu fuq dan ghax jixtiequ li jkunu qed jiehdu sehem bhala parti minn inizjattiva tal-Kunsill ta' Pembroke, halli imbghad wara jkunu jistghu jizviluppaw kuntatti fuq bazi ta' klabbs, fejn qal ukoll li jkun tajjeb li l-ewwel inizjattiva tkun saret bejn il-Kunsill ta' Pembroke u dak Bulgaru, fejn kien fakkar li r-rapprezentanti tal-klabbs kienu staqsew ukoll jekk l-offerta minnaha Bulgara li jospitaw il-grupp ghadiex tghodd u kull min se jiehu sehem fil-mawra jhallas biss il-biljett ta' l-ajru kif ukoll kien ippropona li l-Kunsill Lokali Pembroke jaghmel il-kuntatti mehtiega kif miftiehem f'din il-laqgha, is-Sindku Joe Zammit qal li dawn il-kuntatti ser isiru fil-jiem li gejja.

4.02. B'riferenza ghall-Minuti 07/K6/2008 item 2.07u ghall-Minuti 05/K6/2008 item 4.01 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ghamel riferenza ghall-Internal Memos ipprezentati fejn qal li fil-jiem li gejja ser jipprezenta rapport tal-Konferenza li attenda ta' l-ECAD fil-jiem li ghaddew kif ukoll fejn kien qal li waqt din il-konferenza rega' tqajjem il-punt li jkun ghaqli li tigi organizzata Konferenza simili bit-titlu European Islands Against Drugs u ghalhekk qal li kien ser jerga' jikteb lill-Onor. Prim Ministru u Ministru ghall-Gvern Lokali Dr. L. Gonzi dwar dan il-punt, kif ukoll fejn kien qal li jkun ghaqli jekk din il-konferenza tigi organizzata s-sena li gejja sabiex tahbat mal-25 sena ta' meta Pembroke sar ufficjalment lokal u kien qal ukoll li kien ser ikellem l-FTZ sabiex jara jekk hemmx xi fondi ta' l-EU ghal dan il-ghan, is-Sindku Joe Zammit qal li l-laqgha ma' l-FTZ ser issir fil-gimghat li gejja.

**46/2568/058/I** 03/06/2008 Kopja t'ittra li l-Kunsill Lokali San Giljan baghat lill-Onor. Prim Ministru dwar il-konfini bejn iz-zewg lokalitajiet.

4.03. B'riferenza ghall-Minuti 07/K6/2008 item 2.08, ghall-Minuti 05/K6/2008 item 6.35 u ghall-korrispondenza numru **46/2568/08/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera kif ukoll kien ippropona li l-Kunsill jerga' jikteb lill-Onor. Prim Ministru kif ukoll li kopja taghha tintbaghat lir-residenti kollha ta' Pembroke kif ukoll li l-Kunsill jikkunsidra li jaghmel Press Conference fit-triq imsemmija kemm il-darba l-Kunsill jibqa' jigi njorat, is-Sindku Joe Zammit qal li din l-ittra ser tinkiteb fil-jiem li gejja.

4.04. B'riferenza ghall-Minuti 07/K6/2008 item 11.12 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li tinhareg stedina lill-anzjani kollha sabiex jithajru jmorru Roccalumera fi Sqallija fil-mawra li ser issir f'Settembru 2008, li maghhom il-Kunsill ghandu gemellagg fejn kulhadd ser ikun mitlub ihallas l-ispejjez tieghu personalment, is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill ser jivverifika kemm ghandha kmamar il-lukanda u kemm jesaw persuni sabiex wara l-Kunsill jiddeciedi jekk din l-opportunita' tinfetahx ghal kulhadd.

***4.05. Fis-6.10 pm il-Kunsillier Lauro Fava skuza ruhu talli wasal tard.***

4.06. B'riferenza ghall-Minuti 07/K6/2008 item 11.15 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li tinhareg cirkulari lir-residenti biex isir BBQ flimkien bhala parti minn inizjattiva biex tqarreb aktar lir-residenti bhala komunita' fejn kien qal ukoll li naturalment il-prezz ser ikun ragonevoli u jithabbar aktar tard wara li ssir il-laqgha mal-bar manager tal-Luxol Sports Club, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li ghalhekk prova kemm il-darba jikseb kwotazzjoni minghand il-Barman, din qatt ma waslet.

4.07. Il-Kunsillier Joe Brincat qal li hemm kumpanija li tofri servizz ta' outside catering all inclusive li jinkludi wkoll il-provvista ta' mwejjed, siggijiet, ikel u xorb.

4.08. Fid-dawl ta' dan il-Vici Sinkdu Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jorganizza din l-attivita' nhar is-Sibt 9 t'Awissu 2008 mit-8.00 pm il-quddiem fil-Gnien Jum Pembroke. Il-kelliem ippropona li tinhareg cirkulari lir-residenti kollha tal-lokal.

4.09. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

4.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.11. B'riferenza ghall-Minuti 07/K6/2008 item 11.18 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li tinhareg cirkulari lir-residenti ta' diversi zoni madwar Pembroke biex isir BBQ jew lejla maltija flimkien fiz-zona taghhom bhala parti minn inizjattiva biex tqarreb aktar lir-residenti taghna bhala komunita' kif ukoll fl-istess hin tkun qed issir diskussjoni rigward ix-xoghol tal-Kunsill, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li din ghandha tigi rtirata fid-dawl tad-decizjoni li ghadha kemm ittiehdet.

## 05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

5.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 40/2008** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 07/K6/2008 u 08/K6/2008 **(Ara Dokument A); Internal Memo 41/2008** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 07/K6/2008 u 08/K6/2008 **(Ara Dokument B); Internal Memo 42/2008** b'rapport tal-kwotazzjonijiet ghal xiri ta' portable AC **(Ara Dokument C); Internal Memo 43/2008** b'rapport tal-laqghat li saru l-MEPA rigward il-progetti ta' l-MTA **(Ara Dokument D); Internal Memo 44/2008** b'rapport tal-kwotazzjonijiet tal-kompjuters **(Ara Dokument E), Internal Memo 45/2008** b'rapport tal-kwotazzjonijiet ghal xoghol ta' railing tal-hadid **(Ara Dokument F) u Internal Memo 46/2008** b'rapport tal-laqgha li saret ma' Sir Brooke Boothby **(Ara Dokument G)**

## 06. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

6.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien ghadu kmieni wisq sabiex issir evelwazzjoni tax-xoghol li qed isir mill-iskrivana l-gdida Kirsty Rizzo kif

mitlub fil-laqgha precedenti. Il-kelliem qal li bhalissa l-iskrivana tinsab fi stadju li tosserva dak li jaghmel il-Kunsill u tibda taddatta ruhha ghax-xoghol gdid taghha.

6.02. Peress li ma kienx hemm aktar kummenti s-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 07. Mistoqsijiet.

